Australian Government

AusAlert™

# AusAlert™ gwida tas-sigurtà għas-surviventi

AusAlert hija s-sistema l-ġdida nazzjonali ta' twissija tal-Awstralja. Tuża l-aktar teknoloġija riċenti biex tibgħat messaġġi ta' emerġenza lill-apparat mobbli kompatibbli waqt diżastri bħal nirien, maltemp u emerġenzi tas-saħħa pubblika.



**Il-messaġġi tal-AusAlert jaqsmu informazzjoni importanti, imma jistgħu jgħinu biex ikun aktar faċli li jinstabu apparat ta' sigurtà li jkunu moħbija.**



## Għalfejn teżisti l-AusAlert?

AusAlert huwa mod malajr u affidabbli biex jgħin iżomm il-komunitajiet infurmati u ippreparati aħjar waqt emerġenzi lokali u nazzjonali. Tagħti l-kapaċità lill-Gvern Awstraljan u lill-organizzazzjonijiet a' servizzi ta' emerġenza tal-istati u t-territorji li jibagħtu twissijiet nazzjonali jew lokali. Dan huwa biss wieħed minn ħafna modi biex l-Awstraljani jibqgħu sikuri waqt diżastru.

## Kif jinstema' l-ħoss tal-AusAlert?

Jekk it-telefowns, tablets jew smart watches tiegħek huma mixgħulin, l-AusAlert jista':

- iġiegħlom jivvibraw
- idoqq ħoss qawwi qiesu ta' sirena għal 10 sekondi
- jixgħel l-iskrin awtomatikament.

**Dan jista' jiġri anke jekk il-volum qiegħed baxx jew jekk l-apparat tiegħek qiegħed silent jew do not disturb.**

## Kif tibqa' sikur mal-AusAlert

Il-messaġġi tal-AusAlert huma iddisinjati biex jiġbdu l-attenzjoni tan-nies malajr waqt emerġenzi, biex jgħinuhom jibqgħu sikuri. **Ċerti messaġġi tal-AusAlert ma jistgħux jiġu mitfija.** Għal persuni li jużaw apparat ta' sigurtà, jista' jkun li meta jirċievu AusAlert dan jikkawżalhom tħassib, għax jista' jkun li jagħmilha aktar faċli li dawk l-apparat jinstabu, speċjalment jekk huma intenzjonati li jibqgħu moħbija.

### X'għandek tagħmel

Jekk taħseb li forsi mhux ser ikun sikur li inti jew xi ħadd għażiż għalik jirċievi AusAlert:

- żomm l-apparat tas-sigurtà mitfijin JEW
- f'aeroplane mode (jekk għandek) BARRA
- jekk għandek bżonn tużahom.

**Ftakar – xorta tista' tuża l-wi-fi jekk l-apparat tiegħek qiegħed f'aeroplane mode. Jekk m'għandux aeroplane mode, minflok itfih.**



## Kif nitfi l-apparat tiegħi?

**Apple (apparat iOS bħal iPhones u Apple Watches)**

**Jekk l-apparat tiegħek juża Face ID:**

- agħfas u żomm il-buttuna tan-naħa tal-lemin u l-buttuna tal-volum fl-istess ħin sakemm jidhru l-'isliders'
- mexxi l-islider 'slide to power off' mix-xellug għall-lemin.

**Jekk l-apparat tiegħek għandu buttuna Home:**

- agħfas u żomm il-buttuna tan-naħa tal-lemin sakemm tidher l-'islider'
- mexxi l-islider 'slide to power off' mix-xellug għall-lemin.

Biex terġa' tixgħel l-apparat, agħfas u żomm il-buttuna tan-naħa tal-lemin sakemm jidher il-logo tal-Apple.

*Jekk jogħġbok kun af li: wieħed* **ma jistax** *jirċievi AusAlert fuq Apple iPads.*

**Android (apparat bħal telefowns, u xi tablets u smart watches)**

Għal apparat Android:

- agħfas u żomm il-buttuna tal-power jew fuq in-naħa tax-xellug jew tal-lemin tal-apparat tiegħek sakemm jidher il-menu tal-power
- agħfas il-buttuna 'Power Off'.

Biex terġa' tixgħel l-apparat, agħfas u żomm il-buttuna tal-power sakemm jidher il-logo tal-manifattur tal-apparat tiegħek.

**Ftakar biex dejjem titfi kwalunkwe apparat ta' sigurtà użat minn tfal taħt il-kura tiegħek.**



## Kif naqleb l-apparat tiegħi fuq aeroplane mode?

**Apple (apparat iOS bħal iPhones u Apple Watches)**

Biex tpoġġi l-aeroplane mode:

- mur fis-'Settings'
- għafas il buttuna 'Aeroplane Mode'
- suppost li stampa ta' ajruplan tidher fil-parti ta' fuq tal-iskrin.

Biex terġa' titfi l-aeroplane mode:

- mur fis-'Settings'
- itfi l-buttuna 'Aeroplane Mode'
- l-istampa tal-ajruplan fil-parti ta' fuq tal-iskrin suppost tisparixxi.

*Jekk jogħġbok kun af li: wieħed* **ma jistax** *jirċievi AusAlert fuq Apple iPads.*

**Android (apparat bħal telefowns, u xi tablets u smart watches)**

Biex tpoġġi l-aeroplane mode:

- mur fis-'Settings'
- itteppja fuq 'Network & internet'
- għafas il buttuna 'Aeroplane Mode'
  - suppost li stampa ta' ajruplan tidher fil-parti ta' fuq tal-iskrin.

Biex terġa' titfi l-aeroplane mode:

- mur fis-'Settings'
- itteppja fuq 'Network & internet'
- itfi l-buttuna 'Aeroplane Mode'
- l-istampa tal-ajruplan fil-parti ta' fuq tal-iskrin suppost tisparixxi.

## Kif ikun AusAlert?

Skont it-tip ta' apparat u sistema ta' operat tiegħek, messaġġ tal-AusAlert ser ikun xi ħaġa hekk:




Il-messaġġi tal-AusAlert murija fuq l-iskrin huma eżempji biss u mhux messaġġi vera tal-AusAlert.

## Inti tista' tafda fl-AusAlert

L-AusAlert ġiet żviluppata mill-Gvern Awstraljan u hija sikura. Huma biss l-organizzazzjonijiet awtorizzati tas-servizzi ta' emerġenza u l-Gvern Awstraljan li jistgħu jibagħtu messaġġi tal-AusAlert.

L-AusAlert **mhux ser:**

- jeħtieġ li tirreġistra
- isaqsik għal dettalji personali jew finanzjarji
- ikun jaf jew iżomm informazzjoni personali jew in-numru tat-telefown tiegħek
- jittrekkja l-lokalità tiegħek jew jaqsam il-postijiet fejn kont, anke jekk l-apparat tiegħek huwa konness ma' ID komuni.

## X'jiġri jekk nirċievi AusAlert fuq l-apparat tas-sigurtà tiegħi?

Jekk l-apparat tas-sigurtà tiegħek huwa mixgħul u tirċievi AusAlert, dan ser idoqq **ħoss qawwi qiesu sirena għal madwar 10 sekondi** u mbagħad ser jieqaf. Dan suppost jiġri darba biss, għalkemm jista' jkun li tirċievi twissija oħra jekk ikun hemm informazzjoni ġdida oħra dwar l-emerġenza.

Ipprova ibqa' kalm. **Jekk m'intix sikur, ċempel 000 mal-ewwel** u segwi l-pjan ta' sigurtà tiegħek.

Jekk ikun sikur li tagħmel dan, aqra l-messaġġ tal-AusAlert u segwi l-istruzzjonijiet biex iżżomm lilek innifsek u lil ħaddieħor sikuri.

## Żomm ruħek infurmat

L-AusAlert hu biss mod wieħed kif tibqa' sikur f'diżastru. Tista' wkoll issegwi t-televiżjoni u r-radju lokali jew nazzjonali, tiċċekkja apps tas-servizzi ta' emerġenza, tfittex onlajn għal aktar informazzjoni, jew ikkuntattja lill-qraba, ħbieb jew ġirien.

### Għajnuna u pariri

**Jekk inti nkwetat dwar is-sigurtà immedjata tiegħek, ċempel 000.**

Għal parir jew sapport:

- dwar is-sigurtà tiegħek, ċempel 1800RESPECT fuq 1800 737 732
- fil-lokalità tiegħek, żur il-websajt tal-ANROWS fuq **anrows.org.au/support-directory**
- jekk inti Aboriġini jew mill-Gżejjer ta' Torres Strait, ċempel 13YARN fuq 13 92 76.

DFV-Live

Għal aktar informazzjoni, żur **ausalert.gov.au**